MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1886/1999/1

**Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**Anthony Aquilina**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-23 ta’ Awissu 1999 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta’ kera u servizz ta’ *telephone* bejn il-partijiet anness ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ elf seba’ mija u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1720.21,0) dovuti in konessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 683343 (Klijent numru 333319);

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u *telephone calls* maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. B;

Premess illi s-socjeta` attrici sejhet diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont imsemmi izda dan baqa’ inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenut m’ ghandux eccezzjonijiet x’ iressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta` attrici qeghda tannetta ma’ l-att tac-citazzjoni Affidavit (Dok. C) ghall-iskop ta’ l-istess artikoli imsemmija;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta’ l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ elf seba’ mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1720.21) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 683343 (Klijent numru 333319), skond il-prospett Dok. B anness, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u l-mandat ta’ Qbid ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni - kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Awissu 1999 li bih giet michuda t-talba attrici ghad-decizjoni tal-kawza bid-dispensa mis-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Procedura Civili;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fis-26 ta’ Mejju 2000 u li fiha eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi c-citazzjoni giet prezentata fi zmien il-ferjat tal-Qorti u ghalhekk is-socjeta` attrici ma setghetx titlob li l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici Civili;

2. Illi, fit-tieni lok, essendo dejn illi jinkombi fuq il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, il-kawza odjerna kellha tigi proposta wkoll kontra Annunziata Aquilina, mart l-eccipjent;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghal *overseas* ossija *international calls* illi allegatament saru minn fuq in-numru tat-*telephone* 683343, abbonat lill-eccipjent, li pero` fir-realta` ma sarux minn fuq dan in-numru, u ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghall-hlas ta’ tali *calls*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-decizjoni in parte ta’ din il-Qorti moghtija fit-28 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha giet michuda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat id-digriet tas-17 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex tigbor ix-xhieda li kien fadal x' jigu prodotti mill-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata mill-konvenut fit-2 ta' Gunju 2005, wara li gie awtorizzat jaghmel dan bid-digriet tad-9 ta' Mejju 2005. Permezz ta' din in-nota huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici fir-rigward tas-somma ta' Lm617.65 riferibbli ghall-perjodu ta' qabel l-1 ta' Ottubru 1994 hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan stante li skond gurisprudenza illum pacifika, il-perjodu preskrittiv huwa dak ta' hames snin a tenur ta' dan l-artikolu tal-ligi;

Rat l-Affidavits, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Skond l-att tac-citazzjoni, is-socjeta` attrici qeghda titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u ghoxrin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1720.21) in konnessjoni ma' sejhiet u uzu ta' servizz telefoniku mil-linja numru 683343. Dan ghal perijodu li skond ix-xhud Paul Busuttil (fol. 125) jirrisali ghall-1991;

Hu accettat mill-konvenut illi dan is-servizz gie installat fil-fond residenzjali tieghu fl-Imqabba in segwitu ghall-applikazzjoni li saret minnu ghall-installazzjoni ta' "*Telephone Exchange Line*" fit-3 ta' Awissu 1989 (ara

dokument a fol. 5). Hu pero` jikkontesta l-ammont reklamat fuq zewg binarji, u cjoe:

(i) b' mod generali, li sejhiet internazzjonali li jinghad li allegatament saru fil-fatt ma sarux minn numru tat-*telephone* fuq indikat. Ara fir-rigward it-tielet eccezzjoni tieghu (fol. 14);

(ii) b' mod specifiku, il-preskrizzjoni kwinkwennali kwantu ghall-ammont ta' sitt mija u sebatax-il lira u hamsa u sittin centezmu (Lm617.65) riferibbli ghall-perijodu ta' qabel l-1 ta' Ottubru 1994. Ara nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu a fol. 138, preceduta minn Nota ohra a fol. 104 u minn rikors a fol. 134;

Premessa din it-talba u l-eccezzjonijiet ghaliha, ghandu jinghad qabel xejn b' ripetizzjoni illi "fejn si tratta ta' hlas ta' servizz li ghalih wiehed jintrabat li jhallas rata determinata relatata mal-frekwenza ta' l-uzu ta' dak is-servizz, il-prova mhux biss ta' l-ammont dovut imma wkoll tal-frekwenza ta' l-uzu kienet tispetta lil min jippresta s-servizz u jippretendi l-hlas tieghu, f' dan il-kaz il-Korporazzjoni attrici. Din il-prova kellha tkun wahda certa, attendibbli u kredibbli u, sa fejn ragjonevolment u umanament possibbli, preciza" ("**Saviour Farrugia *nomine* -vs- Margaret Vella *et***", Appell, 9 ta' Frar 2001);

Fuq il-fatti kif allegati din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici rnexxielha tiddizimpenja ruhha mill-oneru gravanti fuqha li adegwatament turi l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni taghha. Principalment, skond ir-rizultanzi istruttorji hi ppruvat dan billi pprovdiet *break down* dettaljat tas-sejhiet li saru mil-linja telefonika ntestata lill-konvenut. Ara Itemised Bill esebit minn fol. 19 sa fol. 63 tal-process;

Minn naha tieghu l-konvenut ma kkuntrastax dik il-prova bhala li ma tirreferix ghal kont tieghu. Huwa, invece, kif sostenut minn martu Annunziata Aquilina (fol. 118), ikkontrappona difiza artikolata fuq l-assunt illi s-sejhiet

setghu saru minn terzi ghaliex, skond hu, meta kien jerfa' r-*receiver* kien jisma' n-nies jitkellmu. F' dan il-kuntest huwa jsemmi li kien bosta drabi jirrapporta hsarat fil-linja tieghu u li anzi kienet ghal din ir-raguni li fl-14 ta' Frar 1999 huwa talab li dik il-linja tigi skonessa. Ara dokument a fol. 95. Barra minn dan ghad-domanda posta lilu mid-difensur tieghu jekk kellux negozju ma' barra huwa wiegeb fin-negattiv (fol. 110);

Din il-Qorti mhix konvinta minn din id-difiza. Ibda biex jirrizulta mill-atti illi fuq perijodu ta' disa' snin kien hemm biss bejn seba' u tmien *faults*. Ara xhieda ta' Frans Scerri (fol. 98) u d-dokument tar-registrazzjoni ta' dawn il-*faults* a fol. 92. Fit-tieni lok, il-fatt li l-konvenut ma kellu ebda negozju ma' barra ma jeskludix li effettivament saru telefonati ghal barra ghal ragunijiet ohra. Importanti jigi notat hawnhekk illi mart il-konvenut, filwaqt li kategorikament cahdet li kellhom negozju ma' barra, ma kienetx imbaghad daqstant kategorika meta giet mistoqsija jekk ghamlux telefonati *overseas* f' Dicembru 1995. Hi fil-fatt wiegbet li ma kienx jidhrilha li saru dawk it-telefonati (fol. 121) u twegiba f' dan is-sens, ghal din il-Qorti, thalli sapur ta' incertezza u allura wkoll ta' insufficjenza tal-prova difensjonali f' dan il-kuntest;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti s-socjeta` attrici forniet elementi sufficjentement favorevoli ghas-sostenn tat-talba taghha. Preliminarjament, bil-fatt tal-kontrattazzjoni ghall-provvizjon tas-servizz. Sussegwentement, bil-fatt tal-prova tas-sejhiet li saru mil-linja hekk provvduta lill-konvenut. Kontra dawn, l-allegazzjonijiet tal-konvenut ghal liema gja saret riferenza ma jikkonkorrux ghall-formazzjoni u konvinciment ta' din il-Qorti;

Issa ghar-rigward ta' parti mis-somma mitluba minghandu l-konvenut gab 'il quddiem il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili li tikkolpixxi "l-azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet

kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku." Hu pacifiku li l-kontrattazzjoni ta' l-ispeci hawn kontemplata in kwantu tikkonsenti ghall-ghoti u uzu ta' servizz hi milquta minn din il-preskrizzjoni. Ara "**John Scicluna *nomine* -vs- Robert Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 per Imhallef Joseph Said Pullicino;

In generali, il-preskrizzjoni hi definita bhala mezz sabiex wiehed jehles mill-azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghaz-zmien li tghid il-ligi [Artikolu 2107 (2), Kodici Civili]. Dottrinalment, din timporta prezunzjoni ta' pagament. Prezunzjoni din li tista' tigi mill-kreditur imwaqqa' ghal xi wiehed mill-motivi legali li tippreciza l-ligi. Jigifieri, billi juri li l-preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm is-sospensjoni jew l-interruzzjoni taghha. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P II p 626**. Gja qabel din kien inghad li "*invocata dall' allegato debitore la prescrizione breve presuntiva di pagamento, l' unica prova permessa al creditore è l' esazione del giuramento suppletario, salva qualunque prova tendente a dimostrare l' interruzione dell' eccepita prescrizione*" ("**Filomena Zahra -vs- Raffaele Zerafa**", Appell Civili, 1 ta' Gunju 1931);

Ghal dik li hi interruzzjoni l-Kodici Civili taghna jipprovdi diversi modi kif tista' tinkiser il-preskrizzjoni u taghmilhom jikkonsistu jew fin-notifika ta' att gudizzjarju (Artikolu 2128) jew bir-rikonoxximent tad-dejn (Artikolu 2133) jew bil-hlas akkont (Artikolu 2134). Fil-kaz prezenti s-socjeta` attrici ghazlet li tikkumbatti l-preskrizzjoni opposta bil-mezz ta' prova tal-hlas akkont. Dan billi pprovdiet bhala xhud lil Dr. Ingrid Zammit Young (fol. 144) li tat rezokont tal-hlasijiet effettwati mill-konvenut. Minnu jirrizulta illi l-konvenut ghamel diversi hlasijiet akkont bejn t-3 ta' Frar 1993 u t-2 ta' Jannar 1997;

Hu provvdut fl-Artikolu 2136 Kodici Civili illi meta l-preskrizzjoni tigi miksura ghal xi wiehed mill-mezzi ta' prova fuq espressi, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi, izda l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid. L-azzjoni *de qua* giet prezentata fit-23 ta' Awissu 1999 izda z-zmien precedenti ghal din id-data, abbinat mad-diversi hlasijiet li saru fit-3 ta' Frar 1993, 16 ta' Novembru 1993, 31 ta' Ottubru 1994, 13 ta' Lulju 1995 u 2 ta' Jannar 1997, kien gie in virtu ta' dawn l-istess hlasijiet akkont debitament interrot;

Dik l-interruzzjoni tekwivali ghal dak li s-sentenza in re "**Farrugia -vs- Perini**" (Appell, 7 ta' Novembru 1901) tippreciza bhala "*l' abdicazione di un diritto*". Dan ghaliex, "il-pagament akkont ta' debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn u allura jinterrompi l-preskrizzjoni" ("**Alfredo Brownrigg -vs- Giuseppe Fenech**", Appell Civili,30 ta' Ottubru 1936). Il-konsegwenza hi li dawk il-hlasijiet li saru mill-konvenut jistghu jitqiesu inkompatibbli mal-volonta` tieghu, *qua* debitur, li javvalora ruhu mill-preskrizzjoni moghtija. Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni ulterjuri ma tregix u qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, takkolji d-domanda tas-socjeta` attrici u b' hekk tikkundanna lill-istess konvenut ihallasha s-somma reklamata ta' elf seba' mija u ghoxrin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1720.21,0) in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 683343, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (4 ta' April 2000) u bl-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------